



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2010/0271(COD)

27.5.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza fis-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli.

(COM(2010)0542) – C7-0317/2010 – 2010/0271(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Roberts Zile

PA_Legam

PE458.815v02-00

2/21

AD\868266MT.doc

MT

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. Daħla

Ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi ġodda tal-kategorija L attwalment huma stabbiliti fid-Direttiva ta' Qafas 2002/24/KE u f'14-il Direttiva oħra li jirreferu ġħaliha. Medda wiesgħa ta' vetturi li jaqgħu taħt il-'kategorija L': roti elettriċi, mopeds, muturi b'żewġ jew tliet roti, quads u mini-cars. Il-Kummissjoni għandha l-għan li timmodernizza l-qafas legali attwali sabiex tikseb l-objekti li ġejjin:

- **Is-simplifikazzjoni tal-qafas legali.** Id-Direttiva 2002/24/KE u l-14-il direttiva relatati jiġu revokati u sostituti mir-Regolament propost li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet fundamentali u l-ambitu ta' applikazzjoni. Ir-rekwiżiti tekniċi dettaljati kollha jiġu definiti fi stadju iktar 'il quddiem f'atti delegati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq toqrob lejn l-armonizzazzjoni internazzjonali.
- **It-tnaqqis tal-emissjonijiet:** Il-Kummissjoni tiproponi approċċi fi tliet stadji fejn kull darba jiġu introdotti limiti ta' emissjonijiet iktar severi għall-vetturi tal-kategorija L.
- It-titjib tas-sikurezza fit-toroq. Huma proposti tliet rekwiżiti ta' sikurezza funzjonali ewlenin sabiex jiġi indirizzat ir-rendiment ta' sikurezza ħażina fit-toroq tal-vetturi tal-kategorija L: sistemi ta' brejkijiet anti-lock obbligatorji għal muturi ta' rendiment medju jew ġholi, il-prevenzjoni tat-tbagħbis tal-grupp tal-propulsjoni tal-vettura u l-karatteristika biex jixegħlu d-dwal ta' quddiem awtomatikament.
- Jitqiesu iktar it-teknoloġiji l-ġodda billi jiġi indirizzat in-nuqqas ta' qafas legali li jkopri, pereżempju, il-vetturi elettriċi jew ibridi.
- It-titjib tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiġi evitat id-dħul ta' vetturi, sistemi, komponenti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip fis-suq tal-UE.

2. Id-dimensjoni tat-trasport tal-proposta:

2.1 Is-sikurezza fit-toroq:

Bħalissa madwar 6,000 sewwieq tal-vetturi b'żewġ roti motorizzati jmutu kull sena fit-toroq tal-UE. Is-sewwieqa tal-vetturi b'żewġ roti motorizzati jirrappreżentaw madwar 16% tal-ġħadd totali tal-imwiet fit-toroq fl-UE iżda jirrappreżentaw biss 2% tal-kilometraġġ totali. Ir-riskju li s-sewwieqa ta' muturi jmutu f'inċiēnt huwa, bħala medja, 18-il darba iktar probabbli minn dik ta' sewwieqa ta' karozzi. Filwaqt li l-ġħadd ta' mwiet fit-toroq naqas b'mod konsiderevoli fl-aħħar deċennju, dan ma kienx il-każ għas-sewwieqa tal-vetturi b'żewġ roti motorizzati.

2.1.1 Sistemi ta' brejkijiet anti-lock:

Il-Kummissjoni tiproponi l-istallazzjoni obbligatorja ta' sistemi ta' brejkijiet anti-lock għal ċerti kategoriji ta' muturi. L-impatti ta' sikurezza pożittivi ta' sistemi ta' brejkijiet anti-lock (ABS) għal vetturi b'żewġ roti motorizzati jidhru b'mod ċar f'bosta studji. Huwa stmat li bejn 20 u 35% tal-inċiēnti kollha jistgħu jiġi pprevenuti u li s-severità tal-impatti ta' ħafna inċiēnti oħra jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti permezz tal-użu ta' ABS. Ir-Rapporteur jappoġġa kompletament dan l-approċċi. Iżda l-istallazzjoni obbligatorja għandha tiġi estiżha għas-subkategorija L3e-A1 (muturi ta' rendiment baxx). Għal din il-kategorija, il-proposta

tal-Kummissjoni tħalliha f'idejn il-manifatturi biex jgħammru l-vetturi jew b'anti-lock jew sistema ta' brejkijiet kombinata b'rendiment iktar baxx. Jidher li din il-miżura hi iktar meħtieġa peress li bosta mis-sewwieqa żgħażaq jibdew isuqu muturi ta' din il-kategorija.

2.1.2 Automatic headlights on (AHO)

Il-Kummissjoni tiproponi li l-vetturi tal-kategorija L kollha jkunu mgħammra b'karatteristika AHO sa mhux iktar tard mill-2013, sabiex tittejjeb il-viżabilità tagħhom għal vetturi oħra fit-toroq. Ir-Rapporteur jappoġġa kompletament il-proposta tal-Kummissjoni. Din il-miżura ssir saħansitra iktar importanti peress li, minn din is-sena, il-karozzi kollha tal-passiġġieri għandhom ikunu mgħammra bi dwal li jixegħlu binhar, li jwassal biex il-vetturi b'żewġ roti motorizzati b'mod relattiv ma jispikkawx daqshekk.

2.1.3 Vetturi maħsuba għall-użu mhux fit-triq

Fl-Artikolu 2.2 ‘vetturi li huma maħsuba primarjament għall-użu mhux fit-triq’ huma esklużi mill-ambitu tar-Regolament. Dan jidher kontraproduttiv għas-sikurezza fit-triq. Bosta minn dawn il-vetturi maħsuba għall-użu mhux fit-triq (eż muturi enduro, muturi ta’ prova u vetturi adattati għal kull terren (ATVs)) jistgħu jkunu – u ta’ spiss huma – użati fit-toroq pubbliċi wkoll. Għandhom għalhekk jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti ta’ sikurezza funzjonali meħtieġa għall-użu fit-triq. Għalhekk ir-Rapporteur jipproponi li jinħolqu subkategoriji addizzjonali ta’ vetturi għal muturi enduro u muturi ta’ prova kif ukoll għall-ATVs.

2.1.4 Standards ta’ rendiment f’każ ta’ ħabta

Il-vetturi tal-kategorija L għadhom mhux soġġetti għal rekwiżiti ta’ test f’każ ta’ ġabta qabel ma jinbiegħu fl-UE. B’mod partikolari, il-quads u l-minicars ta’ spiss jidhru iktar sikuri milli fil-fatt huma. Ir-riskju ta’ korriġment fatali huwa ħafna oħla f’dawn il-vetturi milli f’karozza tal-passiġġieri. Il-Kummissjoni għandha għalhekk teżamina bir-reqqa l-possibbiltà tal-introduzzjoni ta’ standards bħal dawn fil-futur.

2.2 Emissions

Minkejja li l-vetturi tal-kategorija L huma repsonsabbli għal 3% biss tal-kilometraġġ totali fit-toroq, l-emissjonijiet tossiċi tagħhom huma għoljin b'mod disproporzjonat. Jekk ma jiġux stabbiliti iktar miżuri, it-naqqis fl-emissjonijiet minn kategoriji oħra ta’ trasport fit-toroq, se jwassal għal żieda fis-sehem tal-emissjonijiet totali tal-kategorija L.

Il-Kummissjoni tiproponi rekwiżiti dwar l-emissjonijiet iktar stretti għall-approvażzjoni tat-tip ta’ tipi ġoddha ta’ vetturi L:

- Euro 3 (Euro 4 għal muturi L3e): 2014;
- Euro 4 (Euro 5 għal muturi L3e): 2017;
- Euro 5 (Euro 6 għal muturi L3e): 2020.

Fil-prinċipju, ir-Rapporteur jaqbel mal-limiti tal-emissjonijiet u l-iskeda proposti. Madankollu, il-livell Euro 4 għall-mopeds għandu jiġi introdott 3 snin qabel minħabba li l-mopeds huma s-subkategorija tal-vetturi li l-iktar iniġġsu f'termini ta’ emissjonijiet.

EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbi, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propos mill-Kummissjoni

3. Dan ir-Regolament jimmira li jistipula regoli armonizzati għall-approvazzjoni tal-vetturi tal-kategorija L, bil-għan li jiġura t-tħaddim tas-suq intern. Il-vetturi tal-kategorija L huma vetturi b'żewġ, tliet jew erba' roti bħal vetturi motorizzati b'żewġ roti, ir-triċikli, il-quads għat-triq u l-mini-cars. Barra minn hekk, l-għanijiet huma li jiġi ssimplifikat il-qafas legali attwali, li jitnaqqas is-sehem mill-emissjonijiet kumplessivi tat-triq u jsir iktar proporzjonat, li jiżdied il-livell kumplessiv tas-sikurezza, li jsiru adattamenti għall-progress tekniku u li jissaħħu r-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq.

Emenda

3. Dan ir-Regolament jimmira li jistipula regoli armonizzati għall-approvazzjoni tal-vetturi tal-kategorija L, bil-għan li jiġura t-tħaddim tas-suq intern. Il-vetturi tal-kategorija L huma vetturi b'żewġ, tliet jew erba' roti bħal vetturi motorizzati b'żewġ roti, ir-triċikli, il-quads għat-triq, ***il-vetturi adattati għal kull terren (ATV)*** u l-mini-cars. Barra minn hekk, l-għanijiet huma li jiġi ssimplifikat il-qafas legali attwali, li jitnaqqas is-sehem mill-emissjonijiet kumplessivi tat-triq u jsir iktar proporzjonat, li jiżdied il-livell kumplessiv tas-sikurezza, li jsiru adattamenti għall-progress tekniku u li jissaħħu r-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq.

Ġustifikazzjoni

L-ATVs għandhom ikunu koperti wkoll minn dan ir-regolament sabiex jiġi evitat l-użu ħażin tad-differenza bejn il-vetturi għall-użu fit-triq u l-vetturi għall-użu mhux fit-triq. Bosta minn dawn l-ATVs jistgħu jintużaw – u ta' spiss jintużaw – fit-toroq pubbliċi wkoll. Għandhom għalhekk jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti ta' sikurezza funzjonali minimi għall-użu fit-triq.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 9 a (ġidida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Is-sewwieqa tal-vetturi tal-kategorija L jagħmlu parti minn grupp ta' utenti tat-triq vulnerabbi bl-ogħla rati ta' fatalità u

korriament fost l-utenti kollha tat-triq. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jiġi allinjat mal-Politika Ewropea ta' Sikurezza fit-Toroq 2011-2020 u għandu jintrosuči mżuri ta' sikurezza primarji u effikaċi biex jipprovd vetturi mgħammra bl-iktar teknoloġiji sikuri u bi prezz raġonevoli lis-sewwieqa. Flimkien mar-rekwiżiti għat-teħid sikur tal-kantunieri u d-dwal u mżuri kontra t-tbagħbis, ir-Regolament jintrosuči Sistemi ta' Brejkijiet Anti-lock (ABS) għall-muturi ġodda ta' ċerti kategoriji. L-effiċjenza tal-mżuri ta' sikurezza magħżula, li trid tkun ikkumplimentata b'taħriġ u edukazzjoni aħjar għas-sewwieqa ta' vetturi tal-kategorija L u l-infrastruttura tat-toroq adattata, hija ttestjata sew u hemm provi dwarha permezz ta' riċerka u studji.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 9 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) F'ħafna Stati Membri huwa obbligatorju li sewwieqa ta' mopeds u muturi jużaw dwal għal matul il-jum. Sabiex titjieg is-sikurezza għas-sewwieqa tal-mopeds u l-muturi, għandu jsir obbligatorju għall-vetturi li jkunu mgħammra b'dawl tal-fanali awtomatiku. Minħabba l-fatt li dan l-obbligu ġie wkoll estiż għall-vetturi b'erba' roti, hemm riskju ċar li s-sewwieqa ta' vetturi b'żewġ roti jistgħu jitilfu l-vantaġġ tal-viżibilità li kienu jgawdu qabel. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tiproponi, fir-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mżuri ġodda u tagħmir tad-dawl addizzjonali għas-sikurezza li jagħmilha possibbli li jinġieb lura l-vantaġġ mitluf tal-viżibilità.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 9 c (ġdida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(9c) Sabiex tkun faċilitata l-istallazzjoni mandatorja tal-ABS f'muturi ta' rendiment baxx tas-subkategorija L3e-A1, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jipprovd u incenzi finanzjarji jew fiskali tranżizzjonali għall-produtturi kew il-konsumaturi.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 17

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

17. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tas-sikurezza funzjonali u r-rendiment ambjentali, l-ittestjar, l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni u l-ħatra ta' servizzi tekniċi u l-kompli awtorizzati spċifici tagħhom, sabiex jiġi s-supplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali tal-atti leġiżlattivi permezz ta' dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali. Dawn is-setgħat ma jinkludux l-emendar tad-dati tal-infurzar stipulati fl-Anness IV jew il-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet stipulati fl-Anness VI. L-emendi *lill-dawk id-dati jew lil dawk il-valuri għandhom jiġu stabbiliti bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja stipulata fl-Artikolu 114 tat-TFUE.*

17. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tas-sikurezza funzjonali u r-rendiment ambjentali, l-ittestjar, l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni u l-ħatra ta' servizzi tekniċi u l-kompli awtorizzati spċifici tagħhom, sabiex jiġi s-supplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali tal-atti leġiżlattivi permezz ta' dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali. Dawn is-setgħat ma jinkludux l-emendar tad-dati tal-infurzar stipulati fl-Anness IV jew il-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet stipulati fl-Anness VI *jew ir-rekwiżiti ta' sikurezza funzjonali mtejba stipulati fl-Anness VIII.* L-emendi lill-dawk id-dati, *tar-rekwiżiti ġenerali* jew *ta'* dawk il-valuri għandhom jiġu stabbiliti bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja stipulata fl-Artikolu 114 tat-TFUE.

Ġustifikazzjoni

Billi r-rekwiżiti ta' sikurezza funzjonal huma l-elementi ewlenin għall-iżgurar tal-użu sikur ta' vetturi koperti b'dan ir-Regolament, għandu jkun ċar li l-Anness VIII jista' jiġi emendat biss permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) vetturi li huma maħsuba primarjament għall-użu mhux fit-triq u ddiżinjati biex jimxu fuq uċuħ bla tarmak.

Emenda

(g) vetturi li huma maħsuba primarjament għall-użu mhux fit-triq u ddiżinjati biex jimxu fuq uċuħ bla tarmak ***ħlief il-vetturi maħsuba għall-użu speċjali kif definit fl-Artikolu 4 u l-Anness I;***

Ġustifikazzjoni

Fl-Artikolu 2.2 ‘vetturi li huma maħsuba primarjament għall-użu mhux fit-triq’ huma esklużi mill-ambitu tar-Regolament. Dan jidher kontraproduttiv għas-sikurezza fit-triq. Bosta minn dawn il-vetturi maħsuba għall-użu mħuż fit-triq (eż muturi enduro, muturi ta’ prova u ċerti kwadriċikli (vetturi adattati għal kull terren – ATVs)) jistgħu jkunu – u ta’ spiss huma – użati fit-toroq pubbliċi wkoll. Għandhom għalhekk jissodis faw ukoll ir-rekwiżiti ta’ sikurezza funzjonal minimi għall-użu fit-triq. Għalhekk huwa propost li jinħolqu subkategoriji addizzjonali ta’ vetturi għal muturi enduro u muturi ta’ prova kif ukoll għall-ATVs.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 53 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

53a. ‘Mutur ta’ prova’ tfisser vettura motorizzata b’żewġ roti bil-karatteristiċi deskritti fl-Anness I.

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex jinħolqu subkategoriji ġodda għal vetturi maħsuba għall-użu mhux fit-triq sabiex jiġi koperti b'dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' sikurezza.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 53 b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**53b. ‘Mutur enduro’ tfisser vettura
motorizzata b’żewġ roti bil-karatteristiċi
deskritti fl-Anness I.**

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex jinħolqu subkategoriji ġodda għal vetturi maħsuba għall-użu mhux fit-triq sabiex jaqgħu fl-ambitu ta’ dan ir-Regolament għal raġunijiet ta’ sikurezza.

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 57 a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**57a. ‘Vettura maħsuba għall-użu f’kull
terren’ tfisser vettura bil-karatteristiċi
deskritti fl-Anness I u bl-akronimu ta’
‘ATV’.**

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex tinħoloq subkategorija ġdida għall-ATVs sabiex jiġu koperti b’dan ir-Regolament għal raġunijiet ta’ sikurezza.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Vetturi tal-kategorija L jinkludu vetturi motorizzati b’żewġ, tliet u erba' roti kif ikkategorizzati fil-paragrafi li ġejjin u l-Anness I, inkluż roti motorizzati, mopeds b’żewġ jew tliet roti, muturi b’żewġ jew tliet roti, muturi bis-sidecar, quads tat-triq

1. Vetturi tal-kategorija L jinkludu vetturi motorizzati b’żewġ, tliet u erba' roti kif ikkategorizzati fil-paragrafi li ġejjin u l-Anness I, inkluż roti motorizzati, mopeds b’żewġ jew tliet roti, muturi b’żewġ jew tliet roti, muturi bis-sidecar, quads tat-triq ħfief jew tqal, **ATVs** u mini-cars ħfief jew

ħfief jew tqal, u mini-cars ħfief jew tqal. tqal.

Ġustifikazzjoni

L-ATVs għandhom ikunu koperti wkoll minn dan ir-regolament sabiex jiġi evitat l-użu ħażin tad-differenza bejn il-vetturi għall-użu fit-triq u l-vetturi għall-użu mhux fit-triq. Bosta minn dawn il-vetturi tat-tip ATP jistgħu jintużaw – u ta' spiss jintużaw – fit-toroq pubbliċi wkoll. Għandhom għalhekk jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti ta' sikurezza funzjonali minimi għall-użu fit-triq.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a – subpunkt ii a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiia) użu specċjali:

- muturi enduro;*
- muturi ta' prova.*

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex jinħolqu subkategoriji ġodda għal vetturi maħsuba għall-użu mhux fit-triq sabiex jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' sikurezza.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt g – inċiż ii a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) Vettura tas-Subkategorija L7Ce (ATV)

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex jinħolqu subkategoriji ġodda għal vetturi maħsuba għall-użu mhux fit-triq sabiex jiġu koperti b'dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' sikurezza.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta importaturi jqisu jew ikollhom għalfejn jaħsbu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u partikolarment ma tikkonformax mal-approvazzjoni tat-tip tagħha, huma ma għandhomx ***ibiegħu*** jew jirreġistraw il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata sakemm ***tinġieb f'konformità***. Barra minn hekk, meta jqisu jew ikollhom għalfejn jaħsbu li l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tippreżenta riskju, għandhom jinfurmaw lill-manifattur, lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni b'dan.

Emenda

3. Meta importaturi jqisu jew ikollhom għalfejn jaħsbu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u partikolarment ma tikkonformax mal-approvazzjoni tat-tip tagħha, huma ***għandhom jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti u*** ma għandhomx ***ibigħu*** jew jirreġistraw il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata sakemm ***ma jkunux irċevew konferma mill-awtoritajiet kompetenti li hija f'konformità mar-Regolament***. Barra minn hekk, meta jqisu jew ikollhom għalfejn jaħsbu li l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tippreżenta riskju, għandhom jinfurmaw lill-manifattur, lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni b'dan.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta d-distributuri jqisu jew ikollhom għalfejn jaħsbu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, ma għandhomx ***ibiegħu*** jew jirreġistraw il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata u għandhom jipprevjenu d-dħul tagħha fis-servizz sakemm tinġieb f'konformità.

Emenda

1. Meta d-distributuri jqisu jew ikollhom għalfejn jaħsbu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, ***huma għandhom jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti u*** ma għandhomx ***ibigħu*** jew jirreġistraw il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata sakemm ***ma jkunux irċevew konferma mill-awtoritajiet kompetenti li hija f'konformità ma' dan ir-Regolament*** u għandhom jipprevjenu d-dħul tagħha fis-servizz sakemm tinġieb f'konformità.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Erba' snin wara d-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 82, il-vetturi l-ġodda kollha fis-subkategoriji L1Be, L3e, L5e, L6Ae **u** L7Ae għandhom jiġu mgħammra bl-ewwel stadju ta' sistema dijanjostika abbord (OBD) li timmonitorja u tirrapporta dwar il-kontinwità taċ-ċirkwit elettriku, ċirkwiti elettriċi xxortjati u miftuħa u r-razzjonalità taċ-ċirkwit tal-magna u s-sistemi tal-ġestjoni tal-vettura (OBD I).

Emenda

1. Erba' snin wara d-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 82, il-vetturi l-ġodda kollha fis-subkategoriji L1Be, L3e, L5e, L6Ae, L7Ae **u L7Ce** għandhom jiġu mgħammra bl-ewwel stadju ta' sistema dijanjostika abbord (OBD) li timmonitorja u tirrapporta dwar il-kontinwità taċ-ċirkwit elettriku, ċirkwiti elettriċi xxortjati u miftuħa u r-razzjonalità taċ-ċirkwit tal-magna u s-sistemi tal-ġestjoni tal-vettura (OBD I).

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex jinħolqu subkategoriji ġodda għal vetturi ATVs sabiex jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' sikurezza.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Wara konferma f'deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 21(4), tmien snin wara d-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 82, il-vetturi l-ġodda kollha fis-(sub)kategoriji L1Be, L3e, L5e, L6Ae **u** L7Ae għandhom barra minn hekk jiġu mgħammra bit-tieni stadju ta' sistema dijanjostika abbord (OBD II), li, flimkien mal-OBD I, timmonitorja mhux biss il-fallimenti sħaħ iżda wkoll id-deterjorament tas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati matul ħajjet il-vettura bil-kundizzjoni li l-kosteffettività tagħha tiġi ppruvata fl-istudju tal-effetti

Emenda

4. Wara konferma f'deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 21(4), tmien snin wara d-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 82, il-vetturi l-ġodda kollha fis-(sub)kategoriji L1Be, L3e, L5e, L6Ae, L7Ae **u L7Ce** għandhom barra minn hekk jiġu mgħammra bit-tieni stadju ta' sistema dijanjostika abbord (OBD II), li, flimkien mal-OBD I, timmonitorja mhux biss il-fallimenti sħaħ iżda wkoll id-deterjorament tas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati matul ħajjet il-vettura bil-kundizzjoni li l-kosteffettività tagħha tiġi ppruvata fl-istudju tal-effetti

ambjentali msemmi fl-Artikolu 21(4) u (5).

ambjentali msemmi fl-Artikolu 21(4) u (5).

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex tinħoloq subkategorija ġdida għall-ATVs sabiex jiġu koperti b'dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' sikurezza.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 80 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Abbażi tal-informazzjoni fornita fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament qabel ***l-1 ta' Jannar 2019***.

Emenda

(2). Abbażi tal-informazzjoni fornita fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament qabel ***l-1 ta' Jannar 2017***.

Dan ir-rapport għandu jqis it-teknoloġiji l-ġodda żviluppati biex titjieb is-sikurezza tat-toroq, bħall-istandardi ta' rendiment f'każ ta' ġabta jew rekwiżiti ta' sikurezza funzjonali addizzjonali bħas-sistema e-call jew l-Adattament tal-Veloċità Intelliġenti (ISA), is-sistemi għat-twissija tal-veloċità fil-kurvi, ditekters tal-pressjoni tar-roti awtomatiċi u sistemi ġodda tad-dwal li jisseparaw dawn il-vetturi minn utenti tat-toroq oħrajn. Il-Kummissjoni għandha tiproponi l-emendi neċessarji għal dan ir-Regolament fid-dawl ta' dan ir-rapport.

Emenda 18

Proposta għal regolament Anness I – Kategoriji tal-vetturi u tipi ta' vetturi – Subkategorija L1Be – kriterju (3)

Test propost mill-Kummissjoni

(3) l-ogħla veloċità tad-diżinn ***≤ 25 km/h*** u

Emenda

(3) l-ogħla veloċità tad-diżinn ***≤ 45 km/h*** u

Ġustifikazzjoni

Il-kategorija għandha tiġi konformi mad-definizzjonijiet tal-Liċenzja tas-Sewqan tal-UE.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Anness I – Kategorija L3e – Subkategorija L3e – użu speċjali (ġidid) – taħt is-Subkategorija L3e-A3 (ġidida)

Emenda

L3e – Użu speċjali

Mutur ta' prova

(8) għoli massimu tas-sit: 700 mm;

(9) għoli minimu mill-art: 280 mm;

(10) kapaċità massima tat-tank tal-fjuwil: 4 l;

(11) proporzjon tal-ger ġenerali minimu fl-ogħla ger (proporzjon primarju * proporzjon tal-ger * proporzjon finali tas-sewqan) ta' 7.5;

(12) massa fl-istat operattiv (mingħajr sewwieq) ta' mhux iktar minn 100 kg u

(13) l-ebda post bilqiegħda għal passiġġier.

Mutur enduro

(8) għoli minimu tas-sit ta' 900 mm;

(9) għoli minimu mill-art ta' 310 mm;

(10) proporzjon tal-ger ġenerali minimu fl-ogħla ger (proporzjon primarju * proporzjon tal-ger * proporzjon finali tas-sewqan) ta' 6.0;

(11) massa fl-istat operattiv (mingħajr

sewwieq) ta' mhux iktar minn 140 kg;

(12) l-ebda post bilqiegħda għal passiġġier.

Ġustifikazzjoni

Bosta muturi enduro u muturi ta' provi jistgħu, u ta' spiss jintużaw fit-toroq pubbliċi wkoll. Għandhom għalhekk jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti ta' sikurezza funzjonali minimi għall-użu fit-triq. Għalhekk huwa propost li tinħoloq subkategorija addizzjonali ta' vetturi għal muturi enduro u muturi ta' prova. Rigward il-kriterji ta' subklassifikazzjoni – bħala punt inizjali – huma propositi xi kriterji potenzjali li attwalment qed jiġu diskussi u jistgħu jittejbu iktar tul din il-proċedura leġiżlattiva.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Anness I – Kategorija L7e – Subkategorija L7Ce (ġidida) – taħt is-subkategorija L7Be-P

Emenda

L7Ce

Vettura maħsuba għall-użu f'kull terren

(8) l-ogħla veloċità tad-didżiñ 60 km/h

(9) sit minn fuq liema ssaqajn jiddendlu minn naħħa u oħra (straddle)

(10) kontroll thumb throttle

(11) Strumenti ta' akkoppjament fuq in-naħħa ta' wara: Piż tal-irmunkar > 4X il-piż propriju > 274 kg bħala test tas-sahħha, ma jitqiesx permissibbli għall-piż ta' karrijet.

(12) massa fl-istat operattiv < 400 kg

(13) għoli mill-art > 180 mm

(14) proporzjon tal-bażi tar-rota għall-għoli mill-art < 6

Ġustifikazzjoni

Minkejja li primarja l-ATVs huma ddil-żinjati għall-użu mhux fit-triq, dawn jistgħu jkunu – u ta' spiss huma – użati fit-toroq pubbliċi wkoll. Għandhom għalhekk jissodis faw ukoll ir-rekwiżiti ta' sikurezza funzjonali minimi għall-użu fit-triq. Għalhekk huwa propost li tinħoloq subkategorija addizzjonali ta' vetturi għall-ATVs. Rigward il-kriterji ta' subklassifikazzjoni – bħala punt inizjali – huma proposti xi kriterji potenzjali li attwalment qed jiġu diskussi u jistgħu jittejeb iktar tul din il-proċedura leġiżlattiva.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Anness II – Kategoriji tal-vettura – Ringiela 2 – Subkolonna 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L7Ae

L7Ae u L7Ce

Ġustifikazzjoni

L-ATVs (il-kategorija L7Ce) huma prattikament simili għall-quads li jintużaw fit-triq (kategorija L7Ae) u għalhekk għandhom ikunu konformi mal-istess tip ta' rekwiżiti ta' approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-UE. Id-dettalji ta' dawn ir-rekwiżiti jkollhom ikunu adattati għal kull subkategorija separatament f'att delegat.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Anness III – Ringiela 12 a (ġdida)

Emenda

L7Ce

Vettura maħsuba għall-użu f'kull terren

20

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex jinħolqu subkategoriji ġodda għal vetturi ATVs sabiex jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' sikurezza.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Anness VI – (A) Limiti tal-emissjonijiet mill-egżost wara li jinxtegħel kiesaħ – (A1) – Euro 3⁽⁴⁾ – Kategorija tal-vettura L1Be – Massa totali ta' idrokarburi u ossidi tan-nitrogħenu totali – Ringiela 4

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

1200

Ġustifikazzjoni

Il-livell Euro 4 għall-mopeds għandu jiġi introdott 3 snin qabel (sal-2014) minħabba li l-mopeds huma s-subkategorija tal-vetturi L l-iktar problematika f'termini ta' emissjonijiet.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Anness VI – (A) Limiti tal-emissjonijiet mill-egżost wara li jinxtegħel kiesaħ – (A1) – Euro 3⁽⁴⁾ – Kategorija tal-vettura L1Be – Massa tal-idrokarburi totali (THC) – Ringiela 4

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

-

630

Ġustifikazzjoni

Il-livell Euro 4 għall-mopeds għandu jiġi introdott 3 snin qabel (sal-2014) minħabba li l-mopeds huma s-subkategorija tal-vetturi L l-iktar problematika f'termini ta' emissjonijiet.

Emenda 25

Proposta għal regolament

Anness VI – (A) Limiti tal-emissjonijiet mill-egżost wara li jinxtegħel kiesaħ – (A1) – Euro 3⁽⁴⁾ – Kategorija tal-vettura L1Be – Massa tal-ossidi tan-nitrogħenu (NOx) – Ringiela 4

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

-

170

Ġustifikazzjoni

Il-livell Euro 4 għall-mopeds għandu jiġi introdott 3 snin qabel (sal-2014) minħabba li l-

mopeds huma s-subkategorija tal-vetturi L l-iktar problematika f'termini ta' emissjonijiet.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Anness VI – (A) Limiti tal-emissjonijiet mill-egżost wara li jinxtegħel kiesaħ – (A1) – Euro 3⁽⁴⁾ – Kolonni 1 u 2 – Ringiela 7

Test propos mill-Kummissjoni

L5Be

Triċiklu kummerċjali

Emenda

L5Be

Triċiklu kummerċjali

L7Ce

-Vettura maħsuba għall-użu f'kull terren

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex tinħoloq subkategorija ġdida għall-ATVs sabiex jiġu koperti b'dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' sikurezza.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Anness VI – (A) Limiti tal-emissjonijiet mill-egżost wara li jinxtegħel kiesaħ – (A2) – Euro 4⁽⁵⁾ – Kolonni 1 u 2 – Ringiela 7

Test propos mill-Kummissjoni

L5Be

Triċiklu kummerċjali

Emenda

L5Be

Triċiklu kummerċjali

L7Ce

-Vettura maħsuba għall-użu f'kull terren

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex tinħoloq subkategorija ġdida għall-ATVs sabiex jiġu koperti b'dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' sikurezza.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Anness VI – (C) Limiti fuq l-emissjonijiet mill-evaporazzjoni – (C2) Euro 5⁽⁶⁾ – Kolonni 1 u 2 – Ringiela 8

Test propost mill-Kummissjoni

L5Be

Triċiklu kummerċjali

Emenda

L5Be

Triċiklu kummerċjali

L7Ce

-Vettura maħsuba għall-użu f'kull terren

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex tinħoloq subkategorija ġdida għall-ATVs sabiex jiġu koperti b'dan ir-Regolament għal raġunijiet ta'sikurezza.

Emenda 29

Proposta għal regolament

Anness VI – (D) Limiti tal-livell tal-ħsejjes – Euro 3⁽⁴⁾, Euro 4⁽⁵⁾, Euro 5⁽⁶⁾ – Kolonni 1, 2, 3 u 5 – Ringiela 12 a (ġdida)

Emenda

L7Ce

**Vettura maħsuba 80
għall-użu f'kull
terren**

80

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex tinħoloq subkategorija ġdida għall-ATVs sabiex jiġu koperti bl-ambitu ta' dan ir-Regolament għal raġunijiet ta'sikurezza.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Anness VII – (A) Durabilità f'kilometraġġ tal-vetturi tal-kategorija L – Kolonna 1 – Ringiela 4 – punt 5 a (ġidid) – Kolonna 2 – Ringiela 4 – punt 5 a (ġidid)

Emenda

L7Ce

-Vettura maħsuba għall-użu f'kull terren

Ġustifikazzjoni

Adattament meħtieġ biex tinħoloq subkategorija ġdida għall-ATVs sabiex jiġu koperti bl-ambitu ta' dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' sikurezza.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Anness VIII – Kolonna 3 – Ringiela 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) muturi ġodda(27) tas-subkategorija L3e–A1 li jinbiegħu, jiġu rreġistrati u jiddaħħlu fis-servizz għandhom jiġu mgħammra b'sistema ta' brejkijiet anti-lock(28) jew kombinata(29) jew iż-żewġ tipi ta' sistemi avvanzati ta' brejkijiet, l-għażla fidejn il-manifattur tal-vettura;

imħassar

Emenda 32

Proposta għal regolament

Anness VIII – Kolonna 3 – Ringiela 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) muturi ġodda tas-subkategoriji L3e–A2 u L3e–A3 li jinbiegħu, jiġu rreġistrati u jiddaħħlu fis-servizz għandhom jiġu mgħammra b'sistema ta' brejkijiet anti-lock.

*(b) muturi ġodda⁽²⁷⁾ tas-subkategoriji **L3e–A1**, L3e–A2 u L3e–A3 li jinbiegħu, jiġu rreġistrati u jiddaħħlu fis-servizz għandhom jiġu mgħammra b'sistema ta' brejkijiet anti-lock⁽²⁸⁾ fuq iż-żewġ roti.*

Ġustifikazzjoni

L-istallazzjoni mandatorja ta' sistemi ta' brejkijiet anti-lock għandha tkun estiża għall-muturi tas-subkategorija L3e–A1 minħabba li bosta sewwieqa żgħażaq ġiġi mingħajnej jaġid minn-ħalli. Il-brejkijiet anti-lock huma l-iktar effikaċi jekk jiġu istallati fuq iż-żewġ roti.

PROĊEDURA

Titolu	L-approvazzjoni u s-sorveljanza fis-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli	
Referenzi	COM(2010)0542 – C7-0317/2010 – 2010/0271(COD)	
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 19.10.2010	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 19.10.2010	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Roberts Zīle 17.11.2010	
Eżami fil-kumitat	15.3.2011	23.5.2011
Data tal-adozzjoni	24.5.2011	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	39 0 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cánclan, Michael Cramer, Ryszard Czarnecki, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Ville Itälä, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Kourousakos, Werner Kuhn, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Debora Serracchiani, Brian Simpson, Dirk Sterckx, Keith Taylor, Silvia-Adriana Ticău, Giommaria Uggias, Thomas Ulmer, Dominique Vlasto, Artur Zasada, Roberts Zīle	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Philip Bradbourn, Guido Milana, Dominique Riquet, Alfreds Rubiks, Laurence J.A.J. Stassen	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Juozas Imbrasas	